TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

25

Avviż Numru CCT 25/13-F

<u>Josephine Borg</u>
<u>vs</u>
<u>A to Z Electronics</u>

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mitt ewro (€400), rappreżentanti prezz ta' *laptop* illi f'temp ta' ftit xhur kellu ħafna ħsarat.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħallset il-prezz ta' mitejn ewro (€200) wara li kienet rebħet *laptop*, pero' dan il-*laptop* kellu ħafna problemi, tant li l-*laptop* ma baqax tajjeb għall-iskop li kien qed jintuża.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi t-tiswijiet kienu saru kollha, pero' jidher illi l-*laptop* kien twaqqa' għax kellu diversi problemi fix-*chassis* tal-*laptop*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal kellu l-opportunita' li jispezjona l-*laptop* in kwistjoni, u nnota li vera kellu xi daqqiet, illi juri li kien waqa'.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888